**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 16 ta` Frar 2016**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Nru. 266/15 JZM**

**Rikors maghmul ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta**

**The Catering Centre Limited (C9806)**

***kontra***

**Entertainments Limited (C25687)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fit-23 ta` Marzu 2015 li jaqra hekk :-

*1. Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tas-subartikolu (1)(b) ta` l-artikolu 218 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*2. Illi s-socjeta` intimata Entertainments Limited hija kumpannija privata limitata li giet registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji ta` Malta nhar is-sitta (6) ta` Jannar tas-sena elfejn (2000) u li ghandha n-numru ta` registrazzjoni "C25687" u dan kif jirrizulta mic-Certifikat ta` Registrazzjoni tas-socjeta` intimata mahrug that l-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dok TCCL1"] ;*

*3. Illi s-socjeta` intimata Entertainments Limited giet kostitwita bhala kumpannija privata u li tikkonsisti f`zewg membri u dan kif inhu konfermat mill-istatut tas-socjeta` intimata (kopja ta` l-memorandum u l-istatut ta` assocjazzjoni tas-socjeta` intimata hawn annessa u mmarkata bhala "Dok TCCL2") ;*

*4. Illi l-kapital azzjonarju sottoskritt attwali tas-socjeta` intimata jammonta ghal mitejn u sittin elf, tmien mija u disgha u tmenin ewro ui sebgha u sebghin centezmu (€260,889.77) liema kapital huwa maqsum f`mija u tnax-il elf (112,000) sehem ordinarji u li jappartjenu in kwantu ghal sitta u hamsin (56,000) sehem lil Mark Grima (464861M), u sitta u hamsin elf (56,000) sehem lil Simon Grima (166566M) azzjonisti tas-socjeta` intimata u cioe` Entertainments Limited u dan kif hu rifless mill-estratt ta` l-involved parties tas-socjeta` intimata mehud minn fuq is-sit elettroniku tar-Registratur tal-Kumpanniji (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dok TCCL3") ;*

*5. Illi fit-tnax (12) ta` April tas-sena elfejn u tlettax (2013) permezz ta` sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza bin-numru 1172/2012 AE fl-ismijiet "The Catering Centre Limited (C9806) vs Entertainments Limited", liema sentenza ma gietx appellata, is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditrici fil-konfront tas-socjeta` intimata fl-ammont ta` erbgha u hamsin elf mitejn u sitta u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€54,266.43) oltre l-imghax legali u spejjez ;*

*6. Illi fit-tmintax (18) ta` Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) is-socjeta` attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna l-hrug ta` Mandat ta` Qbid kontra s-socjeta` intimata, liema talba giet milqugha fid-dsatax (19) ta` Novembru u u cioe` gurnata wara ;*

*7. Illi sussegwentement is-socjeta` intimata indikat li ser thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` hames mitt ewro (€500) fil-gimgha, izda minkejja dan, il-hlas baqa` ma sarx ;*

*8. Illi fl-erbgha (4) ta` Dicembru tal-2014, is-socjeta` rikorrenti baghtet*

*ittra legali li permezz taghha infurmat lis-socjeta` intimata illi jekk fi zmien xahar hi ma tersaqx ghall-hlas tal-ammont pendenti ta` wiehjed u hamsin elf, disgha mija u erbatax-il ewro u erbgha u tletin centemzu (€51,914.34) flimkien mal-interessi legali, is-socjeta` rikorrenti kienet ser tipprocedi ulterjorment fil-konfront taghha, inkluz bil-proceduri ta` xoljiment u stralc konsegwenti tal-kumpannija bil-Qorti, ai termini tal-Artikolu 218 et sequitur tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta (ittra hawn annessa u mmarkata bhala "Dok TCCL4") ;*

*9. Illi nonostante is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti ;*

*10. Illi ai termini tal-artikoplu 214(5)(a) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa` ma thallasx ghal kollox jew f`parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta` titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi, kif imsemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-kumpannija tista` titlob lill-Qorti sabiex tuza d-diskrezzjoni taghha li xxolji l-kumpannija u tordna l-istralc taghha ;*

*Ghaldaqstant, abbazi tas-suespost, is-socjeta` rikorrenti titlob umilment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi s-socjeta` intimata Entertainments Limited ma tistax thallas id-djun taghha ai termini tas-subartikolu (2)(a)(ii) tal-artikolu 214 u s-subartikolu (5)(a) tal-artikolu 214 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*2. Tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali mill-Qorti tas-socjeta` intimate Entertainments Limited ai termini ta` l-artikoli skond id-disposizzjonijiet tas-sub-Titolu I tat-Titolu II tal-Hames Part ital-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*3. Tahtar amministratur provvizorju pendenti s-smigh tal-kawza u/jew ghal dak il-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust ; u*

*4. Taghti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportune.*

*Bl-ispejjez u b`rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta` rikorrenti.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors promotur.

Rat illi ghalkemm is-socjeta` intimata kienet notifikata skond il-ligi, ma pprezentatx risposta.

Semghet ix-xiehda tal-Marixxall Manolito Briffa u ta` David Theuma fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2015.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-Av. Dr. Ausonia Vancell, flimkien mad-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda tal-P.L. Quentin Tanti fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2015 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat is-socjeta` rikorrenti fl-istess udjenza.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` Novembru 2015.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat is-socjeta` rikorrenti fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-Awditur Charles Scerri fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2016 u rat id-dokument li pprezenta.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezentat is-socjeta` rikorrenti fid-9 ta` Frar 2016.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. ***Locus standi* tar-rikorrenti**

Skond l-ewwel talba, l-iskop dikjarat tar-rikorrenti huwa li titlob ix-xoljiment u stralc ta` s-socjeta` ntimata abbazi tal-**<u>Art 214(2)(a)(ii) u tal-Art 214(5)(a) tal-Kap 386</u>**.

L-eligibilita` o meno tar-rikorrenti li ttenta l-azzjoni tal-lum hija stabbilita bl-**<u>Art 218 tal-Kap 386</u>**.

**Wara li qieset dawn id-disposizzjonijiet, il-Qorti qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, is-socjeta` rikorrenti tikkwalifika bhala *kreditur* u kwindi ghandha ghalhekk *locus standi* sabiex tittenta l-azzjoni tal-lum.**

## III. <u>Is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti</u>

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, ir-rikorrenti tibda billi tirreferi ghat-talbiet li ghamlet fil-procediment tal-lum. In partikolari, il-Qorti tirreferi ghall-ewwel talba li testwalment tghid hekk :-

*Tiddikjara illi s-socjeta` ntimata Entertainments Limited ma tistax thallas id-djun taghha ai termini* ***<u>tas-subartikolu 2(a)(ii) tal-artikolu 214 u s-subartikolu (5)(a) tal-artikolu 214</u>*** *tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Ir-rikorrenti tkompli billi tirreferi ghal **<u>dik il-parti mill-premessi</u>** tar-rikors promotur li tirrelata ghall-fatti, kif ukoll ghal dak illi jghidu l-Art 218, ghall-Art 214(2)(a)(ii), u ghall-Art 214(5) tal-Kap 386.

Ir-rikorrenti taghmel dan l-argument :-

*Illi huwa minnu li l-esponenti ghamlet referenza ghall-artikolu 214(5)(a) pero` dan hi ghamlitu fil-kuntest tal-artikolu 214(2)(a)(ii) fl-intier tieghu. L-Artiklu 214(2)(a)(ii) jistabilixxi r-regola generali illi l-Qorti tista` xxolji kumpannija jekk jirrizulta li din ma tistax thallas id-djun taghha. Illi l-artikolu 214(5)(a) mbaghad johloq prezunzjoni juris et de jure illi kumpannija ma tistax thallas id-djun taghha. Pero` jekk din ma tirrizultax pruvata ma jfissirx illi l-Qorti ma tistax xorta tilqa` t-tralba ghall-istralc taht l-Artikolu 214(2)(a)(ii) jekk xorta jirrizultalha pruvat illi tassew l-intimata ma tistax thallas id-djun taghha. Dan ghaliex ir-rekwiziti taht l-Art 214(5) mhumiex kumulattivi imma jistghu jezisti indipendenti minn xulxin. Bl-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 il-ligi taghti lill-Qorti d-diskrezzjoni li xxolji u*

*tistralcja kumpannija f`zewg cirkostanzi. Is-subinciz (ii) irid jinqara flimkien ma` l-Art 214(5) li jistabilixxi meta kumpannija ghandha titqies li ma tkunx tista` thallas id-djun taghha.*

*Issa fil-kaz prezenti rrizulta mill-provi illi l-mandat ma giex ezegwit u allura jidher illi ma jistax jigi nvokat l-Artiklu 214(5(a). Madanakollu b`daqshekk ma jfissirx illi ghandha tigi skartata t-talba safejn maghmula ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) li jistabilixxi l-principju generali illi kumpannija tista` tigi stralcjata fuq ordni tal-Qorti jekk jintwera illi l-intimata ma tistax thallas id-djun taghha.*

*Is-socjeta` rikorrenti qeghda tibbaza l-istanza taghha fuq l-artikolu 214(2)(a)(ii). L-esponenti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 214(5)(a) pero dan m`ghamlitux sabiex teskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) fl-intier tieghu u cioe` l-applikazzjoni ta` dan l-istess artikolu, jekk ikun il-kaz fis-sitwazzjoni fejn anke kif ighid l-artikolu 214(5) stess li kumpannija ghandha titqies li ma tistax thallas id-djun taghha anke meta jigi ppruvat ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha, u cioe` l-applikazzjoni tal-Artikolu 214(5)(b).*

Ir-rikorrenti mbaghad ticcita estratti mill-gurisprudenza ta` din il-Qorti **<u>kif presjeduta</u>** in partikolari d-decizjoni tad-29 ta` Settembru 2015 fil-kawza "**<u>Mystique Company Limited v. Torre Paolina Limited et</u>**" u d-decizjoni tas-26 ta` Frar 2015 fil-kawza "**<u>Jane Mizzi v. JAJ Company Limited</u>**" sabiex issostni l-argument taghha li s-socjeta` ntimata mhijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha b`mod generali ; ghalhekk tirreferi ghax-xiehda tad-direttur tas-socjeta` rikorrenti, tal-P.L. Quentin Tanti u tal-Awditur Charles Scerri.

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti</u>

Din il-Qorti mhijiex tikkondividi l-argument **<u>centrali</u>** tas-socjeta` rikorrenti meta tghid illi ghax hija bbazat l-istanza taghha ghax-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` ntimata fuq l-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386, allura l-Qorti tista` taghzel illi tiddikjara li s-socjeta` ntimata mhijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha skont l-Art 214(5)(b) u tezercita d-diskrezzjoni taghha li xxolji u tistralcja s-socjeta` ntimata, anke jekk it-talba taghha saret skont l-Art 214(5)(a) tal-Kap 386.

Din il-Qorti **<u>kif presjeduta</u>** diga` rrilevat f`ghadd gmielu ta` decizjonijiet illi li l-kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha skont l-Art 214(2)(a)(ii) ghandu tifsira preciza u definita mil-ligi taghna stess. Tant dan huwa hekk illi l-Art 214(2)(a)(ii) huwa abbinat mal-Art 214(5) li hija d-disposizzjoni li tistabilixxi xi jfisser li kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha. Tista` tkun is-sitwazzjoni kontemplata bil-paragrafu (a) jew dik tal-paragrafu (b) jew it-tnejn.

Pero` kontra dak li tissottometti r-rikorrenti, l-Art 214(5) ma johloq l-ebda prezunzjoni *juris et de jure* u cioe` prezunzjoni li ma tistax tigi kontestata bi provi. Li jaghmel l-Art 214(5) huwa li jistabilixxi z-zewg sitwazzjonijiet – u dawk biss – fejn jekk issir il-prova skont il-ligi tkun tirrizulta l-inabilita` ta` kumpannija li thallas id-djun taghha. Ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni ta` prezunzjoni ; jekk il-prova tkun tirrizulta, imbaghad il-Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha li xxolji u tistralcja.

Fil-kaz tal-lum huwa evidenti kemm mill-kawzali kif ukoll mit-talba principali li s-socjeta` rikorrenti qeghda titlob lill-Qorti tiddikjara li s-socjeta` ntimata ma tistax thallas id-djun taghha fuq l-Art 214(5)(a) **biss** u cioe` meta *d-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f`parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.* Meta pprezentat l-azzjoni, is-socjeta` rikorrenti kienet taf li setghet taghmel it-talba skont l-Art 214(5)(b) ukoll u cioe` *jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.* Eppure, ghazla taghha, is-socjeta` rikorrenti qaghdet biss fuq l-Art 214(5)(a).

Il-binarji tal-azzjoni huma determinati minn min jipproponi l-azzjoni. Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu skont il-kawzali u t-talbiet li jressaq ir-rikorrent. Jekk it-talba ssir abbazi ta` kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga `lil hinn minn dik il-kawzali. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Azzopardi v. Azzopardi**" : *il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u* ***xejn izjed****.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Il-gurisprudenza ta` din il-Qorti **kif presjeduta** citata mir-rikorrenti fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha tibqa` valida sabiex tfisser l-evoluzzjoni tal-ligi taghna. Meta dik il-gurisprudenza ticcita mid-dottrina tal-ligi Ingliza dwar *cash flow insolvency* fil-kaz tal-Art 214(5)(a) u dwar *balance sheet insolvency* fil-kaz tal-Art 214(5)(b), dak tkun qeghda taghmlu sabiex fil-kaz li ssir il-prova skont l-Art 214(5)(a) il-Qorti tkun f`qaghda ahjar li taqta` jekk ghandhiex tmur ghax-xoljiment u ghall-istralc tal-kumpannija, waqt li fil-kaz tac-cirkostanza skont l-Art 214(5)(b) tistharreg cirkostanzi li ltaqghu maghhom il-Qrati Inglizi li jkunu ta` utilita` fil-prova ta` dik ic-cirkostanza.

Dik il-gurisprudenza setghet tigi applikata ghall-kaz tal-lum li kieku s-socjeta` rikorrenti ma llimitatx il-pretensjoni taghha fil-mod kif impostat il-kawzali u t-talba ewlenija taghha. Fil-kaz ta` s-sentenza fil-kawza "**Mystique Company Limited v. Torre Paolina Limited et**" jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti mexxiet

ghax-xoljiment u stralc tas-socjeta` ntimata abbazi tal-Art 214(2)(a)(ii) u l-Art 214(5)(b) tal-Kap 386 u/jew tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Il-pretensjonijiet taghha kienu respinti minn din il-Qorti. Fil-kaz tas-sentenza fil-kawza ta` "**Jane Mizzi v. JAJ Company Limited**" wara li rreferiet ghall-Art 214(2)(a)(ii), u giet ghall-Art 214(5), ir-rikorrenti sostniet illi l-pretensjonijiet taghha kienu fondati kemm fuq l-Art 214(5)(a) kif ukoll tal-Art 214(5)(b). Infatti f`dak il-kaz il-Qorti sabet favur ir-rikorrenti kemm abbazi tal-Art 214(5)(a) kif ukoll abbazi tal-Art 214(5)(b) u ghaddiet ghax-xoljiment u ghall-istralc tas-socjeta` ntimata bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha.

Fil-kaz tal-lum ghalkemm is-socjeta` rikorrenti sostniet li s-socjeta` ntimata ma tistax thallas id-djun taghha skont l-Art 214(2)(a)(ii), meta giet imbaghad sabiex tikkwalifika kif u ghaliex is-socjeta` ntimata ma tistax thallas id-djun taghha qaghdet esklussivament fuq l-Art 214(5)(a). Dan jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku mill-kawzali u mit-talba. Infatti mkien fil-kawzali u fit-talba ma taccenna s-socjeta` rikorrenti ghas-sitwazzjoni kontemplata bl-Art 214(5)(b). Ghalkemm is-sitwazzjonijiet skont il-paragrafi (a) u (b) huma alternattivi mhux kumulattivi, is-socjeta` rikorrenti ma tistax tippretendi kif qeghda tipprospetta fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha illi ghaliex it-talba taghha ma tistax tirnexxi skont il-paragrafu (a) allura ghandha tkun il-Qorti li tippronunzja ruhha dwar il-paragrafu (b) meta s-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur la ppremettiet u lanqas talbet lill-qorti sabiex tiddikjara li s-socjeta` ntimata ma tistax thallas id-djun taghha skont il-paragrafu (b). Is-socjeta` rikorrenti ma tistax tippretendi li ghandha tkun il-Qorti li timla` l-vojt li holqot hi bl-ghazla li ghamlet hi wahedha ta` kif tittenta l-azzjoni taghha. Li kieku l-Qorti kellha taghmel dak li s-socjeta` rikorrenti qeghda tippretendi li din il-Qorti ghandha taghmel tkun qeghda tmur *ultra petita.*

Ladarba s-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti tiddikjara li s-socjeta` ntimata ma tistax thallas id-djun taghha abbazi tal-Art 214(5)(a), din il-Qorti sejra taghti decizjoni abbazi ta` dak li talbet is-socjeta` rikorrenti u xejn aktar. Issa fil-kaz tal-lum, irrizulta ppruvat illi l-Mandat ta` Qbid Ezekuttiv Nru 1783/2011 li nhareg fid-19 ta` Novembru 2013 (fol 27 et seq), wara talba tas-socjeta` rikorrenti, ghall-ammonti hemm indikati, <u>ma kienx ezegwit</u>. Dan il-fatt ma jirrizultax biss mill-atti tal-Mandat de quo li jaghmlu parti mill-atti ta` din il-kawza, izda huwa debitament ikkonfermat mid-deposizzjoni tal-Marixxall Manolito Briffa fil-procediment tal-lum. Assodata hija l-gurisprudenza ta` l-qrati taghna illi fejn si tratta ta` atti ezekuttivi ndikati fl-Art 273 tal-Kap 12, il-fattur rilevanti sabiex jiskatta l-perijodu ta` erbgha u ghoxrin (24) gimgha ghall-fini tal-Art 214(5)(a) tal-Kap 386 huwa l-<u>ezekuzzjoni</u> tal-Mandat. Billi fil-kaz tal-lum ma rrizultax li qatt ma kien hemm ezekuzzjoni ta` att ezekuttiv kontra s-socjeta` ntimata, l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Provvediment**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti. Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**